



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 22.6.2023
COM(2023) 326 final

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL U LILL-PARLAMENT
EWROPEW**

**dwar l-eżerċitar tas-setgħa mogħtija lill-Kummissjoni li tadotta l-atti delegati
skont ir-Regolament Regulation (UE) Nru 1257/2013 dwar ir-riċiklaġġ tal-bastimenti**

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI
LILL-KUNSILL U LILL-PARLAMENT EWROPEW dwar l-eżerċitar tas-
setgħa mogħtija lill-Kummissjoni li tadotta l-atti delegati skont ir-
Regolament (UE) Nru 1257/2013 dwar ir-riċiklaġġ tal-bastimenti

1. INTRODUZZJONI

Ir-Regolament (UE) Nru 1257/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Novembru 2013 dwar ir-riċiklaġġ tal-bastimenti ⁽¹⁾ (ir-Regolament dwar ir-Riċiklaġġ tal-Bastimenti) jistipula r-regoli għall-prevenzjoni, għat-tnaqqis, għall-minimizzazzjoni, u sa fejn huwa prattikabbli, għall-eliminazzjoni ta' aċċidenti, ta' korrimenti u ta' impatti avversi oħra fuq is-saħħa tal-bniedem u fuq l-ambjent ikkawżati mir-riċiklaġġ tal-bastimenti. Għal dan l-għan, ir-Regolament dwar ir-Riċiklaġġ tal-Bastimenti b'mod partikolari jeżiġi li l-vapuri jkollhom abbord inventarju ta' materjali perikolużi, mid-diversi dati stabbiliti fl-Artikolu 32 tar-Regolament u skont l-istatus tal-bastiment.

Ir-Regolament dwar ir-Riċiklaġġ tal-Bastimenti jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni tadotta l-atti delegati, kif imsemmi fl-Artikolu 5(8), bil-ħsieb li *“taġġorna l-lista ta' oġġetti għall-inventarju tal-materjali perikolużi fl-Annessi I u II biex tiżgura li l-listi jinkludu għall-inqas is-sustanzi elenkati fl-Appendiċi I u II tal-Konvenzjoni ta' Hong Kong”*. L-Artikolu 5(8) jiddikjara wkoll li *“il-Kummissjoni għandha tadotta att delegat separat fir-rigward ta' kull sustanza li tkun ser tiżdied jew titneħħa mill-Annessi I jew II”*.

2. BAŻI ĠURIDIKA

Dan ir-rapport huwa meħtieġ skont l-Artikolu 24(2) tar-Regolament dwar ir-Riċiklaġġ tal-Bastimenti. Skont dan l-artikolu, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta l-atti delegati għal perjodu ta' 5 snin mit-30 ta' Diċembru 2013. Huwa mistenni wkoll li l-Kummissjoni tħejji rapport dwar is-setgħat delegati, sa mhux iktar tard minn 9 xhur qabel tmiem il-perjodu ta' 5 snin. B'konformità mal-Artikolu 24(2), id-delega tas-setgħa għandha tiġi estiża b'mod taċitu għal perjodi ta' żmien identiċi, dejjem jekk ma jopponux din l-estenzjoni l-Parlament Ewropew jew il-Kunsill, mhux iktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perjodu.

3. EŻERĊITAR TAD-DELEGA

L-ewwel rapport inħareġ fit-22 ta' Marzu 2018². Matul il-perjodu kopert b'dan ir-rapport, il-Kummissjoni ma eżerċitatx is-setgħa ddelegata msemmija fl-Artikolu 5(8). Dan għaliex għadha ma daħlitx fis-seħħ il-Konvenzjoni ta' Hong Kong, li l-UE hija Parti għaliha u li r-Regolament dwar ir-Riċiklaġġ tal-Bastimenti jimplimentaha fl-ordni legali tal-UE. Għalhekk, il-kontenut tagħha għadu ma jistax jiġu rivedut u

¹ *ĠUL 330, 10.12.2013, p. 1–20.*

² *COM(2018) 145 final*

għad ma jistgħux jinżiedu sustanzi addizzjonali fl-Appendiċijiet tagħha. Billi attwalment l-Annessi tar-Regolament dwar ir-Riċiklaġġ tal-Bastimenti jinkludu s-sustanzi kollha elenkati fl-Appendiċijiet tal-Konvenzjoni ta' Hong Kong, ma jenħtiġux atti delegati.